# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 20**

**Avviz numru 614/01/SM**

**Patrick Pace ezercenti l-kummerc bhala Roberta Caffe'.**

**vs**

**Sliema Front Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltija u erbghin centezmu (LM496.40) dovuta bhala bilanc minn prezz akbar ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fuq ordni taghha stess;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-12 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**